MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 314/2008

**Felix Borg u Mary Lourdes Borg**

**vs**

**Simonette u Patrick konjugi Mulholland**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-11 ta’ Settembru, tas-sena 2008 li permezz tieghu ir-rikorrenti sejhu lill-intimati fuq indikati sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ disat elef u tlett mitt Ewro, (€9,300), liema somma, li hija certa, likwidata u dovuta, tirrapprezenta ammont dovut minnhom jew min minnhom, wara self *brevi manu* ai termini ta’

skrittura datata 7 ta' Awissu tas-sena 2008, (vera kopja annessa – Dok. A);

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat fil-5 ta' Settembru tas-sena 2008 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimata Simonette Mulholland datata d-9 ta' Marzu tas-sena 2009, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi kull dejn allegat huwa null la darba ma jgibx ukoll il-kunsens tar-ragel tal-intimata li hija mizzewga;

3. Illi Felix Borg ma ghandu jiehu xejn la darba hu ma kienx parti fl-iskrittura datata 7 ta' Awissu tas-sena 2008;

4. Illi l-konvenuta ma sselfitx l-ammont ta' flus indikat fl-avviz. Hi inghatat biss €4,650, (LM2000), dawn inghatawlha kontanti u l-iskrittura fil-fatt tahbi self b'uzura kif jista' jigi ppruvat;

5. Illi s-self maghmul huwa wiehed soggett ghall-uzura, huwa frott ta' kawza illecita u illegali u b'hekk huwa null ghall-effetti kollha tal-ligi, (ara Kap 16 Art 990-991);

Rat in-nota ta' riduzzjoni tar-rikorrenti datata l-5 ta' Jannar tas-sena 2011 li permezz taghha rriducew it-talba ghal erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€4,658.75);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Felix Borg kien sellef l-ammont in dizamina kif ridott lill-intimata Simonette Mulholland;

2. Illi s-self de quo sar quddiem avukat fis-7 t'Awissu tas-sena 2008, (ara fol 2);

3. Illi r-rikorrenti kien gab l-ammont involut mill-mama` tieghu – ir-rikorrenti Mary Lourdes Borg;

4. Illi l-intimata Mulholland kienet irrifondiet l-ammont permezz ta' cheque li pero` meta ir-rikorrenti mar isarrfu l-bank dan ma ssarrafx ghaliex ma kienx hemm flus;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-intimata kellha kull opportunita` tirribatti l-allegazzjonijiet dedotti kontra taghha, kostantement naqset milli taghmel dan;

Illi ghalhekk din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen il-verzjoni tar-rikorrenti – sostenuti kif inhuma permezz ta' l-iskrittura privata de quo li qatt ma giet kontradetta;

Ghaldaqstant, din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici kif ridotti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-intimati Mulholland biex ihallsu lir-rikorrenti fuq indikati l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€4,658.75);

2. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------